DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-13 ta' Awwissu 2013

li temenda d-Deċiżjoni 2011/207/UE li tistabbilixxi programm speċifiku ta' kontroll u spezzjoni marbut mal-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran

(notifikata bid-dokument C(2013) 5224)

(2013/432/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli ta' Politika Komuni tas-Sajd [1], u partikolarment l-Artikolu 95 tiegħu,

Billi:

(1) Fl-2006, il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) adottat pjan pluriennali ta' rkupru għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran. L-ICCAT emendat il-pjan pluriennali ta' rkupru matul il-Laqgħa Annwali tal-2008. Il-pjan emendat kien traspost fil-liġi tal-Unjoni permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 tas-6 ta' April 2009 li jistabbilixxi pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran [2]. Dan il-pjan kien emendat aktar u approvat fil-Laqgħa Annwali tal-ICCAT tal-2010 permezz tar-Rakkomandazzjoni 10-04 u trasposta fil-liġi tal-Unjoni permezz tar-Regolament (UE) Nru 500/2012 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 dwar pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u tal-Mediterran [3].

(2) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni b'suċċess tal-pjan ta' rkupru emendat, ġiet adottata d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/296/KE [4] li tistabbilixxi programm speċifiku ta' kontroll u spezzjoni li jkopri perjodu ta' sentejn, mill-15 ta' Marzu 2009 sal-15 ta' Marzu 2011.

(3) Il-programm speċifiku ta' kontroll u spezzjoni relatat mal-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u l-Mediterran, kif stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/207/UE [5], kien adottat bil-ħsieb li tkun żgurata l-kontinwità tal-programm stabbilit mid-Deċiżjoni 2009/296/KE u li jiġu implimentati b'mod immedjat ċerti dispożizzjonijiet tar-Rakkomandazzjoni 10-04 tal-ICCAT. Id-Deċiżjoni 2011/207/UE tkopri l-perjodu mill-15 ta' Marzu 2011 sal-15 ta' Marzu 2014.

(4) Fid-dawl tad-diskussjonijiet fl-ICCAT fil-Laqgħa Annwali tal-2011 u bil-ħsieb li jiġu implimentati bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet meħtieġa mill-ICCAT, kien xieraq li, fl-assenza tat-traspożizzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti fil-Liġi tal-UE, li tiġi emendata d-Deċiżjoni 2011/207/UE biex jiġu implimentati r-rekwiżiti dwar it-teħid ta' kampjuni u l-operazzjonijiet pilota stipulati fil-paragrafu 87 tar-Rakkomandazzjoni 10-04 tal-ICCAT li tistabbilixxi pjan pluriennali ta' rkupru għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u l-Mediterran. Għalhekk, ġiet ippubblikata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/246/UE tat-2 ta' Mejju 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2011/207/UE li tistabbilixxi programm speċifiku ta' kontroll u spezzjoni marbut mal-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran [6].

(5) Fil-Laqgħa Annwali tagħha fl-2012, l-ICCAT adottat ir-Rakkomandazzjoni 12-03 li temenda l-pjan pluriennali għall-irkupru tat-tonn. Bil-ħsieb li tkun żgurata l-kontinwità tal-programm stabbilit bid-Deċiżjoni 2011/207/UE u jkun hemm l-implimentazzjoni immedjata ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Rakkomandazzjoni 12-03 tal-ICCAT huwa xieraq li jiġu aġġornati u kkorreġuti ċerti referenzi li ma għadhomx jgħoddu jew li mhumiex korretti li kienu jeżistu fid-Deċiżjoni 2011/207/UE.

(6) Id-Deċiżjoni 2011/207/UE għandha għaldaqstant tiġi emendata skont dan.

(7) Il-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura,

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1
[2] ĠU L 96, 15.4.2009, p. 1
[3] ĠU L 157, 16.6.2012, p. 1
[4] ĠU L 80, 26.3.2009, p. 18
[5] ĠU L 87, 2.4.2011, p. 9
[6] ĠU L 121, 8.5.2012, p. 25.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2011/207/UE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi programm ta' kontroll u spezzjoni speċifiku sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni armonizzata tal-pjan pluriennali ta' rkupru għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u l-Mediterran adottat mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn fl-Atlantiku (ICCAT) fl-2006 kif traspost bir-Regolament (KE) Nru 302/2009 li ġie traspost fil-liġi tal-Unjoni bir-Regolament (UE) Nru 500/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) u kif emendat l-aħħar bir-Rakkomandazzjoni 12-03 tal-ICCAT tal-10 ta' Diċembru 2012.

(*) ĠU L 157, 16.6.2012,p. 1."

(2) Fl-Artikolu 3, il-punt 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. l-operazzjonijiet kollha tal-qbid, tal-iżbark, tat-trasferimenti, tat-trasbordi u tat-tqegħid fil-gaġeġ, inkluża l-implimentazzjoni ta' studji pilota dwar kif tista' ssir stima aħjar tal-għadd u l-piż tat-tonn fil-mument tal-qbid u tat-tqegħid fil-gaġeġ, inkluż l-użu ta' sistemi sterjoskopiċi, u l-programm bl-użu ta' sistemi ta' kameras sterjoskopiċi jew tekniki alternattivi li jipprovdu preċiżjoni ekwivalenti, li għandhom ikopru 100 % ta' kull operazzjoni tat-tqegħid fil-gaġeġ sabiex jiġi rfinat l-għadd u l-piż tal-ħut f'kull operazzjoni tat-tqegħid fil-gaġeġ;"

(3) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-punt 4 jinbidel b'dan li ġej

"4. l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe programm tal-osservatur fl-Unjoni, inkluż il-programm tal-osservatur tal-Istati Membri, u l-Programm Reġjonali tal-Osservatur tal-ICCAT, kif previst fil-punti 90, 91 u 92 u l-Anness 7 tar-Rakkomandazzjoni 12-03 tal-ICCAT;"

(b) Il-punti 6, 7, 8, 9 u 10 jinbidlu b'dan li ġej

"6. il-miżuri u l-kundizzjonijiet tekniċi speċifiċi għassajd għat-tonn kif previst fir-Rakkomandazzjoni 12-03 tal-ICCAT, b'mod partikolari r-regoli dwar id-daqs minimu u l-kundizzjonijiet assoċjati;

7. ir-restrizzjonijiet kwantitattivi fuq il-qabdiet u kwalunkwe kundizzjoni speċifika assoċjata magħhom, inkluż il-monitoraġġ tal-użu tal-kwota, kif previst fir-Rakkomandazzjoni 12-03 tal-ICCAT;

8. ir-regoli ta' dokumentazzjoni applikabbli għat-tonn, kif previst fir-Rakkomandazzjoni 12-03 tal-ICCAT.

9. l-implimentazzjoni ta' studji pilota dwar kif tista' ssir stima aħjar kemm tal-għadd kif ukoll tal-piż tat-tonn fil-mument tal-qabda u t-tqegħid fil-gaġeġ inkluż permezz tal-użu ta' sistemi sterjoskopiċi.

10. l-implimentazzjoni ta' programm li juża sistemi ta' kameras sterjoskopiċi jew tekniki alternattivi li jipprovdu preċiżjoni ekwivalenti, li għandhom ikopru 100 % tal-operazzjonijiet kollha tat-tqegħid fil-gaġeġ sabiex jiġi rfinat l-għadd u l-piż tal-ħut f'kull operazzjoni tat-tqegħid fil-gaġeġ."

(4) Fl-Artikolu 7, il-punti 1 u 2 jinbidlu b'dawn li ġejjin:

"1. l-Iskema tal-ICCAT tal-Ispezzjoni Internazzjonali Konġunta, kif previst fil-punti 99, 100 u 101 u l-Anness 8 tar-Rakkomandazzjoni 12-03 tal-ICCAT;

2. il-metodoloġija tal-ispezzjoni kif previst fir-Rakkomandazzjoni 12-03 tal-ICCAT, u b'mod partikolari l-Anness 8 tagħha;"

(5) Fl-Artikolu 9, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-Istat Membru li jkun beħsiebu jwettaq sorveljanza u jispezzjona bastimenti tas-sajd fl-ilmijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru ieħor fil-qafas ta' Pjan ta' Użu Konġunt, għandu jinnotifika l-intenzjonijiet tiegħu lill-punt ta' kuntatt tal-Istat Membru kostali kkonċernat, kif imsemmi fl-Artikolu 80, il-paragrafu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u lill-EFCA."

(6) fl-Artikolu 12, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Il-programm speċifiku ta' kontroll u spezzjoni għandu jiġi implimentat permezz ta' programmi nazzjonali ta' azzjoni ta' kontroll, kif imsemmi fl-Artikolu 46 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, adottati mill-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, Malta u l-Portugall, u mill-1 ta' Lulju 2013 mill-programm nazzjonali ta' azzjoni ta' kontroll kif adottat mill-Kroazja."

(7) L-Artikolu 15 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Fil-15 ta' Lulju u fil-15 ta' Settembru ta' kull sena għandhom jiġu kkomunikati rapporti interim għall-perjodu sa tmiem ix-xahar ta' qabel u fil-15 ta' Jannar għandu jiġi kkomunikat rapport finali li jkopri s-sena ta' qabel."

(b) Fil-paragrafu 3(b), il-punti (i) u (ii) jinbidlu b'dan li ġej:

"(i) il-bastiment tas-sajd (l-isem, il-bandiera, l-irkaptu u n-numru tal-ICCAT, in-numru tar-reġistru tal-flotta tal-Komunità jew il-kodiċi ta' identifikazzjoni estern), in-nassa, ir-razzett jew l-impriża impenjata fl-ipproċessar u/jew il-kummerċ tal-prodotti tat-tonn ikkonċernati;

(ii) id-data u l-post tal-ispezzjoni u l-ammont ta' tonn relatati mal-ksur;"

(8) L-Annessi I, II, III u IV jinbidlu bit-test fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Awwissu 2013.

Għall-Kummissjoni

Maria DAMANAKI

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS I

PUNTI TA' RIFERIMENT

Il-punti ta' riferiment stabbiliti f'dan l-Anness għandhom jiġu implimentati sabiex b'mod partikolari jkun żgurat:

(a) il-monitoraġġ sħiħ tal-operazzjonijiet tat-tqegħid fil-gaġeġ li jsir fl-ilmijiet tal-UE;

(b) il-monitoraġġ sħiħ tal-operazzjonijiet tat-trasferiment;

(c) il-monitoraġġ sħiħ tal-operazzjonijiet konġunti tas-sajd;

(d) il-kontroll tad-dokumenti kollha meħtieġa mil-leġiżlazzjoni applikabbli għat-tonn, b'mod partikolari li tkun ivverifikata l-affidabbiltà tal-informazzjoni rreġistrata.

Post tal-ispezzjoni	Punt ta' riferiment
Attivitajiet tat-tqegħid fil-gaġeġ (inkluż il-ħsad)	Kull operazzjoni ta' tqegħid fil-gaġeġ ġewwa razzett għandha tkun awtorizzata mill-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment tal-qbid fi żmien 48 siegħa wara l-preżentazzjoni tal-informazzjoni meħtieġa għall-operazzjoni tat-tqegħid fil-gaġeġ; Il-PPK li taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu jkun jinsab ir-razzett tal-BFT (it-tonn) għandu jieħu l-passi meħtieġa biex ma jippermettix it-tqegħid fil-gaġeġ għall-akkwakultura jew it-tismin tal-BFT (it-tonn) li ma jkunx akkumpanjat mid-dokumenti meħtieġa mill-ICCAT kif ikkonfermat u vvalidat mill-awtoritajiet tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment tal-qbid jew nassa (*) (kif previst fil-punt 86 tar-Rakkomandazzjoni 12-03 tal-ICCAT); L-operazzjonijiet kollha tat-tqegħid fil-gaġeġ u tal-ħsad għandhom jiġu spezzjonati, mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tar-razzett skont l-obbligi ta' kontroll rilevanti stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni 06-07 u 12-03 tal-ICCAT; Il-ħut għandu jitqiegħed fil-gaġeġ qabel il-15 ta' Awwissu sakemm ma jkunx hemm raġuni valida skont ir-Rakkomandazzjoni 12-03 (kif previst fil-paragrafu 85).
L-ispezzjoni fuq il-baħar	Punt ta' riferiment, li għandu jiġi stabbilit wara analiżi dettaljata tal-attività tas-sajd f'kull żona; Punti ta' riferiment fuq il-baħar għandhom jirreferu għall-għadd ta' jiem ta' għassa fuq il-baħar fiż-żona speċifika għall-irkupru tat-tonn u għandhom jirreferu wkoll għall-għadd ta' jiem ta' għassa b'indikazzjoni tal-istaġun tas-sajd u t-tip ta' attività tas-sajd fil-mira.
Operazzjoni ta' trasferiment	Kwalunkwe operazzjoni ta' trasferiment għandha tkun ġiet awtorizzata minn qabel mill-Istati Membri tal-bandiera abbażi ta' notifika minn qabel ta' trasferiment (kif previst fil-punt 77 tar-Rakkomandazzjoni 12-03 tal-ICCAT); Kull operazzjoni ta' trasferiment għandha tkun assenjata numru ta' awtorizzazzjoni (kif previst fil-punt 78 tar-Rakkomandazzjoni 12-03 tal-ICCAT); Trasferiment għandu jkun awtorizzat fi żmien 48 siegħa wara l-preżentazzjoni tan-notifika minn qabel ta' trasferiment (kif previst fil-punt 78 tar-Rakkomandazzjoni 12-03 tal-ICCAT); Għandha tintbagħat dikjarazzjoni ta' trasferiment tal-ICCAT lill-Istat Membru tal-bandiera fit-tmiem tal-operazzjoni tat-trasferiment (kif previst fil-punt 79 tar-Rakkomandazzjoni 12-03 tal-ICCAT); L-operazzjonijiet kollha ta' trasferiment għandhom jiġu mmonitorjati fuq vidjo kamera fl-ilma (kif previst fil-punt 81 u l-Anness 9 tar-Rakkomandazzjoni 12-03 tal-ICCAT).

Post tal-ispezzjoni	Punt ta' riferiment
It-trasbordi	Il-bastimenti kollha kkonċernati għandhom ikunu spezzjonati malwasla qabel jibdew l-operazzjonijiet ta' trasbord, kif ukoll qabel it-tluq wara l-operazzjonijiet ta' trasbord. Għandhom isiru verifiki aleatorji f'portijiet mhux magħżula; Għandha tintbagħat dikjarazzjoni ta' trasbord lill-Istati tal-Bandiera mhux aktar tard minn 48 siegħa wara d-data tat-trasbord fil-port (kif previst fil-punt 66 tar-Rakkomandazzjoni 12-03 tal-ICCAT).
L-operazzjonijiet konġunti tas-sajd	L-operazzjonjiet konġunti kollha tas-sajd għandhom ikunu ġew awtorizzati minn qabel mill-Istati tal-bandiera; L-Istati Membri għandhom imbagħad jistabbilixxu u jżommu reġistrazzjoni tal-operazzjonijiet konġunti kollha tas-sajd awtorizzati minnhom.
Is-sorveljanza mill-ajru	Punt ta' riferiment flessibbli, li għandu jiġi stabbilit wara analiżi dettaljata tal-attività tas-sajd imwettqa f'kull żona, filwaqt li jitqiesu r-riżorsi disponibbli għall-użu mill-Istati Membri.
L-iżbark	Il-bastimenti kollha li jidħlu f'port magħżul bl-għan li jiżbarkaw it-tonn għandhom jiġu kkontrollati u għandha tiġi spezzjonata perċentwali abbażi ta' sistema tal-valutazzjoni tar-riskju, li tinvolvi l-kwota, id-daqs tal-flotta u l-isforz tas-sajd; Għandhom isiru verifiki aleatorji f'portijiet mhux magħżula; L-awtorità rilevanti għandha tibgħat reġistrazzjoni tal-attivitajiet tal-iżbark lill-awtorità tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd, fi żmien 48 siegħa wara li jkun intemm l-iżbark (kif previst fil-punt 70 tar-Rakkomandazzjoni 12-03 tal-ICCAT).
Il-kummerċjalizzazzjoni	Punt ta' riferiment flessibbli, li għandu jiġi stabbilit wara analiżi dettaljata tal-attività ta' kummerċjalizzazzjoni li twettqet.
Is-sajd sportiv u rikreattiv	Punt ta' riferiment flessibbli, li għandu jiġi stabbilit wara analiżi dettaljata tal-attivitajiet tas-sajd sportiv u rikreattiv li twettqu.
In-nases	100 % tat-tqegħid fil-gażeġ u tat-trasferimenti għandhom jiġu spezzjonati.

(*) Modifika mitluba bil-posta minn Malta fit-12 ta' Ġunju 2013.

ANNESS II

PROĊEDURI LI GĦANDHOM IKUNU SEGWITI MILL-UFFIĊJALI

1. Kompiti ta' spezzjoni

1.1. *Kompiti ġenerali ta' spezzjoni*

Għandu jitħejja rapport ta' spezzjoni għal kull kontroll u spezzjoni, fil-format xieraq kif stabbilit fil-punt 2 ta' dan l-Anness. L-uffiċjali għandhom, fi kwalunkwe każ, jivverifikaw u jniżżlu l-informazzjoni li ġejja fir-rapport tagħhom:

(1) id-dettalji tal-identità tal-persuni responsabbli, kif ukoll dawk tal-bastiment, ir-razzett, in-nassa, il-persunal, eċċ. involuti fl-attivitajiet spezzjonati;

(2) l-awtorizzazzjonijiet, il-liċenzji u l-awtorizzazzjoni tas-sajd;

(3) id-dokumentazzjoni rilevanti dwar il-bastimenti, bħall-ġurnali ta' abbord, id-dikjarazzjonijiet ta' trasferiment u ta' trasbord, id-dokumenti dwar il-qbid tat-tonn tal-ICCAT, iċ-ċertifikati tar-riesportazzjoni u dokumentazzjoni oħra eżaminati għall-finijiet ta' kontroll u spezzjoni kif previst fir-Rakkomandazzjoni 12-03 tal-ICCAT;

(4) osservazzjoni dettaljata tad-daqsijiet ta' tonn maqbud, magħluq f'nases, ittrasferit, ittrasbordat, li ġie żbarkat, ittrasportat, imrobbi, ipproċessat jew ikkummerċjalizzat fil-kuntest tal-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-pjan ta' rkupru;

(5) il-perċentwali tal-qabdiet inċidentali tat-tonn li jinżammu abbord il-bastimenti li ma jkunux qegħdin jistadu b'mod attiv għat-tonn.

L-informazzjoni dwar is-sejbiet rilevanti kollha mill-ispezzjoni fuq il-baħar, mis-sorveljanza mill-ajru, f'portijiet, nases, irziezet jew fi kwalunkwe impriża oħra kkonċernata għandha titniżżel fir-rapporti tal-ispezzjoni. Fil-każ ta' spezzjoni fil-qafas tal-Iskema għal Spezzjoni Internazzjonali Konġunta tal-ICCAT, il-parti li tkun qed twettaq l-ispezzjoni għandha tirreġistra l-ispezzjonijiet imwettqa u kwalunkwe ksur li tinduna bih fuq il-ġurnal ta' abbord tal-bastiment.

Dawk is-sejbiet għandhom jitqabblu mal-informazzjoni li titpoġġa għad-dispożizzjoni tal-uffiċjali minn awtoritajiet kompetenti oħra, inkluża informazzjoni mis-Sistema tal-Monitoraġġ tal-Bastiment (VMS), il-listi tal-bastimenti awtorizzati, ir-rapporti tal-osservaturi, ir-reġistrazzjonijiet bil-vidjo u d-dokumenti kollha relatati mal-attivitajiet tas-sajd.

1.2. *Kompiti ta' spezzjoni għas-sorveljanza mill-ajru*

L-uffiċjali għandhom jirrappurtaw dwar id-dejta tas-sorveljanza għal finijiet ta' kontroverifika, u b'mod partikolari għandhom jivverifikaw osservazzjonijiet ta' bastimenti tas-sajd mal-VMS u l-listi tal-bastimenti awtorizzati.

L-uffiċjali għandhom ifittxu u jirrappurtaw dwar l-attivitajiet ta' sajd Illegali, mhux Rapportati u mhux Regolati (IUU – 'Illegal, Unreported and Unregulated') u dwar l-użu ta' inġenji tal-ajru jew ħelikopters tat-tiftix.

Għandha tingħata attenzjoni partikolari għal żoni magħluqa, għall-perjodi tal-istaġuni tas-sajd kif iddefiniti fil-punti 21 sa 26 tar-Rakkomandazzjoni 12-03 tal-ICCAT, u għall-attivitajiet tal-flotot li għalihom japplikaw xi derogi.

1.3. *Kompiti ta' spezzjoni fuq il-baħar*

1.3.1. Kompiti ġenerali ta' spezzjoni

Meta jkun hemm ħut mejjet abbord bastiment tal-qbid jew preżenti fuq xi bastiment ieħor, l-uffiċjali għandhom dejjem jivverifikaw jekk il-ħut hux qed jinżamm abbord legalment. L-uffiċjali għandhom jivverifikaw il-kwantitajiet ta' kull speċi ta' ħut miżmuma abbord sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli tal-ICCAT dwar il-qbid inċidentali u d-daqs minimu.

Fejn ikun qed jiġi ttrasferit ħut ħaj, l-uffiċjali għandhom jaraw li jidentifikaw il-mezzi użati mill-partijiet involuti biex jistmaw il-kwantitajiet, espressi f'numri ([1]) ta' tonn ħaj ittrasferit. Fejn tkun disponibbli reġistrazzjoni bil-vidjo, l-uffiċjali għandhom jingħataw aċċess għaliha, jivverifikaw il-kwantitajiet ittrasferiti kif osservat fil-filmat u jivverifikaw li l-vidjos miġbuda jirrispettaw l-istandards minimi għall-proċeduri għar-reġistrazzjonijiet bil-vidjo kif definit fl-Anness 9 tar-Rakkomandazzjoni 12-03 tal-ICCAT.

([1]) Modifika mitluba minn Spanja.

L-uffiċjali għandhom jivverifikaw b'mod sistematiku matul l-ispezzjonijiet kollha:

(1) li l-bastimenti tas-sajd huma awtorizzati joperaw (l-immarkar, l-identità, il-liċenzja, l-awtorizzazjoni tas-sajd u l-listi tal-ICCAT),

(2) il-konformità mar-rekwiżiti tad-dokumentazzjoni tal-bastiment,

(3) li l-bastimenti tas-sajd ikunu mgħammra b'Sistema tal-Monitoraġġ tal-Bastiment (VMS) li tkun operattiva u li jkunu rispettati r-rekwiżiti dwar il-komunikazzjoni tal-VMS,

(4) li l-bastimenti tas-sajd mhumiex joperaw f'żoni magħluqa u li qed jirrispettaw l-għeluq tal-istaġun tas-sajd,

(5) ir-rispett tal-limitazzjonijiet tal-kwoti u tal-qabdiet inċidentali,

(6) il-kompożizzjoni tal-qabdiet abbord,

(7) il-kwantitajiet fiżiċi tal-qabdiet abbord, u l-preżentazzjoni tagħhom.

(8) l-irkaptu tas-sajd abbord,

(9) il-preżenza ta' osservatur fejn rilevanti.

L-uffiċjali għandhom ifittxu u jirrappurtaw dwar attivitajiet ta' sajd IUU, u dwar l-użu ta' inġenji tal-ajru jew ħelikopters ta' tiftix.

1.3.2. Kompiti ta' spezzjoni waqt operazzjonijiet ta' trasferiment

L-uffiċjali għandhom jivverifikaw b'mod sistematiku:

(1) il-konformità mar-rekwiżiti tan-notifika minn qabel ta' trasferiment (fejn ikun possibbli);

(2) li l-Istat tal-bandiera jkun assenja u kkomunika lill-kaptan tal-bastiment tas-sajd, jew tan-nassa jew tar-razzett kif xieraq, numru ta' awtorizzazzjoni għal kull operazzjoni ta' trasferiment fi żmien 48 siegħa wara l-preżentazzjoni ta' notifika minn qabel ta' trasferiment;

(3) il-konformità mar-rekwiżiti ta' dikjarazzjoni ta' trasferiment tal-ICCAT;

(4) li d-dikjarazzjoni ta' trasferiment kienet iffirmata mill-osservatur reġjonali tal-ICCAT abbord u mibgħuta lill-kaptan tal-bastiment tal-irmonk;

(5) il-konformità mar-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni bil-vidjo kif definit fl-Anness 9 tar-Rakkomandazzjoni 12-03 tal-ICCAT.

1.3.3. Kompiti ta' spezzjoni waqt operazzjonijiet konġunti tas-sajd

L-uffiċjali għandhom jivverifikaw b'mod sistematiku:

(1) il-konformità mar-rekwiżiti għall-operazzjonijiet konġunti tas-sajd rigward l-informazzjoni li għandha tkun irrappurtata fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd inkluża s-sistema tal-allokazzjonijiet;

(2) li l-awtorizzazzjoni għal operazzjoni konġunta tas-sajd tkun twasslet lill-bastimenti tas-sajd mill-awtoritajiet tal-Istati tal-bandiera bl-użu tal-mudell stabbilit fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 302/2009;

(3) il-preżenza ta' osservatur tal-ICCAT matul l-operazzjoni konġunta tas-sajd.

1.4. *Kompiti ta' spezzjoni waqt l-iżbark*

L-uffiċjali għandhom jivverifikaw b'mod sistematiku għal dawk l-attivitajiet tal-iżbark skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni 12-03:

(1) li l-bastimenti tas-sajd ikunu awtorizzati joperaw (l-immarkar, l-identità, il-liċenzja, l-awtorizzazzjoni tas-sajd u l-listi tal-ICCAT, jekk rilevanti);

(2) li n-notifika minn qabel tal-wasla għall-iżbark tkun intbagħtet fil-ħin mill-awtoritajiet kompetenti;

(3) li tkun intbagħtet reġistrazzjoni tal-iżbark lill-awtorità tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd, fi żmien 48 siegħa wara li jkun intemm l-iżbark;

(4) li tkun intbagħtet dikjarazzjoni preċiża tal-iżbark mill-kaptan tal-bastiment tal-qbid fi żmien 48 siegħa wara li jkun intemm l-iżbark lill-awtoritajiet tal-Istat tal-bandiera tiegħu/tagħha u lill-awtoritajiet tal-Istat tal-port fejn applikabbli;

(5) li l-bastimenti tas-sajd ikunu mgħammra b'Sistema tal-Monitoraġġ tal-Bastiment (VMS) operattiva u li jkunu rispettati r-rekwiżiti dwar il-komunikazzjoni tal-VMS;

(6) il-konformità mar-rekwiżiti tad-dokumentazzjoni tal-bastiment;

(7) il-kwantitajiet fiżiċi ta' tonn abbord, u l-preżentazzjoni;

(8) il-kompożizzjoni totali tal-qabdiet abbord sabiex ikunu vverifikati r-rispett tar-regoli tal-qbid inċidentali u, fil-każ tal-bastimenti tas-sajd bil-konz, l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' ġestjoni rilevanti;

(9) il-kompożizzjoni tal-qabdiet f'termini ta' daqs ta' tonn abbord sabiex ikunu vverifikati r-regoli dwar id-daqs minimu;

(10) l-irkaptu tas-sajd abbord;

(11) fil-każ tal-iżbark ta' prodotti pproċessati, l-użu tal-fatturi ta' konverżjoni tal-ICCAT biex jiġi kkalkolat il-piż sħiħ ekwivalenti tat-tonn ipproċessat;

(12) li t-tonn offrut għall-bejgħ bl-imnut lill-konsumatur finali, mill-bastimenti tas-sajd u/jew tan-nassa fil-Lvant tal-Atlantiku u l-Mediterran, ikun immarkat jew ittikkettat b'mod korrett;

(13) li t-tonn li jkun ġie żbarkat mid-dgħajjes tas-sajd, mill-bastimenti tas-sajd bil-konz, mid-dgħajjes bil-qasba jew tat-trejjix fil-Lvant tal-Atlantiku u l-Mediterran jkunu mmarkati b'mod korrett minn denbhom.

1.5. *Kompiti ta' spezzjoni waqt it-trasbord*

L-uffiċjali għandhom jivverifikaw b'mod sistematiku:

(1) li l-bastimenti tas-sajd huma awtorizzati joperaw (l-immarkar, l-identità, il-liċenzja, l-awtorizzazzjoni tas-sajd u l-listi tal-ICCAT);

(2) li n-notifika minn qabel tal-wasla fil-port tkun intbagħtet u kien fiha l-informazzjoni korretta dwar it-trasbord;

(3) li l-bastimenti tas-sajd tat-trasbord li jixtiequ jittrasbordaw ikunu rċevew awtorizzazzjoni minn qabel mill-Istat tal-bandiera tagħhom;

(4) li l-kwantitajiet notifikati minn qabel għat-trasbord huma vverifikati;

(5) li ntbagħtet dikjarazzjoni tat-trasbord lill-Istati tal-Istat tal-Port sa mhux aktar tard minn 48 siegħa wara d-data tat-trasbord fil-port;

(6) li d-dokumentazzjoni rilevanti tkun abbord u mimlija kif suppost, fosthom id-dikjarazzjoni tat-trasbord, id-dokumenti rilevanti tal-qbid tat-tonn tal-ICCAT u ċ-ċertifikat tar-riesportazzjoni;

(7) fil-każ ta' prodotti pproċessati, l-użu tal-fatturi ta' konverżjoni tal-ICCAT biex jiġi kkalkolat il-piż sħiħ ekwivalenti tat-tonn ipproċessat.

1.6. *Kompiti ta' spezzjoni fuq stallazzjonijiet tal-irziezet*

L-uffiċjali għandhom jivverifikaw b'mod sistematiku:

(1) li d-dokumentazzjoni hija preżenti u kkompletata u rrappurtata kif xieraq (id-dokumenti tal-qbid u ċ-ċertifikat tar-riesportazzjoni tat-tonn, id-dikjarazzjoni tat-trasferiment u d-dikjarazzjoni tal-qbid mill-gaġeġ, id-dikjarazzjoni tat-trasbord);

(2) li l-operazzjoni tat-tqegħid fil-gaġeġ kienet awtorizzata minn qabel mill-awtoritajiet tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment tal-qbid;

(3) li osservatur reġjonali tal-ICCAT kien preżenti matul l-attivitajiet kollha ta' trasferiment, tqegħid fil-gaġeġ u ħsad tat-tonn, u vvalida d-dikjarazzjonijiet tat-tqegħid fil-gaġeġ;

(4) li l-attivitajiet kollha ta' trasferiment u tqegħid fil-gaġeġ fir-razzett ġew issorveljati minn vidjokamera fl-ilma, u li tkun disponibbli reġistrazzjoni bil-vidjo għall-ispetturi u li tkun tikkonforma mar-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni bil-vidjo kif definit fl-Anness 9 tar-Rakkomandazzjoni 12-03 tal-ICCAT.

(5) li l-attivitajiet ta' tqegħid fil-gaġeġ kollha kienu soġġetti għal programm li juża kameras sterjoskopiċi jew tekniki li jipprovdu preċiżjoni ekwivalenti sabiex jiġi rfinat l-għadd u l-piż tal-ħut li jkun qed jitqiegħed fil-gaġeġ;

(6) li l-Istat tar-razzett mhux se jaċċetta t-tqegħid fil-gaġeġ tat-tonn fejn il-kwantità skont l-għadd u/jew il-piż hija aktar minn dik awtoritzzata biex titqiegħed fil-gaġġa mill-Istat tal-bandiera.

1.7. *Kompiti ta' spezzjoni marbuta mat-trasport u l-kummerċjalizzazzjoni*

L-uffiċjali għandhom jivverifikaw b'mod sistematiku:

(1) fir-rigward tat-trasport, b'mod partikolari d-dokumenti ta' akkumpanjament rilevanti u jivverifikawhom malkwantitajiet fiżiċi ttrasportati;

(2) fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni, li d-dokumentazzjoni rilevanti tkun preżenti u mimlija kif suppost, inklużi d-dokumenti rilevanti tal-qbid tat-tonn u ċ-ċertifikati tar-riesportazzjoni.

2. **Rapporti tal-ispezzjoni**

(1) Għall-ispezzjonijiet imwettqa fil-qafas tal-Iskema għal Spezzjoni Internazzjonali Konġunta tal-ICCAT, l-uffiċjali għandhom jużaw il-mudell fl-Appendiċi ta' dan l-Anness.

(2) Għall-ispezzjonijiet l-oħra, l-uffiċjali għandhom jużaw ir-rapporti ta' spezzjoni skont l-Artikolu 76 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. Ir-rapporti tal-ispezzjoni għandhom jinkludu l-informazzjoni rilevanti li tinsab fil-modulu ta' spezzjoni x-xieraq stabbilit fl-Anness XXVII kif meħtieġ fl-Artikolu 115 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 ([1]).

([1]) ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1.

Appendiċi

RAPPORT TA' SPEZZJONI TAL-ICCAT Nru …

1. Spettur(i) 2. Xhud tal-ispettur

1.1. Isem ..... 3. Isem .....

1.2. Nazzjonalità ..... 4. Nazzjonalità .....

1.3. Partijiet Kontraenti ..... 5. Partijiet Kontraenti .....

1.4. Numru tal-Karta tal-Identità tal-ICCAT ..... 6. Numru tal-Karta tal-Identità tal-ICCAT .....

7. Bastiment li jinsab fuqu l-Ispettur

7.1. Isem u Reġistrazzjoni .....

7.2. Bandiera .....

8. Bastiment spezzjonat

8.1. Isem u Reġistrazzjoni .....

8.2. Bandiera .....

8.3. Kaptan (Isem u Indirizz) .....

8.4. Sid il-bastiment (Isem u Indirizz) .....

8.5. Numru tar-Reġistrazzjoni tal-ICCAT .....

8.6. Tip ta' bastiment .....

9. Pożizzjoni

9.1. Kif determinat mill-ispettur: ..... Lat. ..... Long. .....

9.2. Kif determinat mill-kaptan tal-bastiment tas-sajd: ..... Lat. ..... Long. .....

9.3. Ħin (GMT) meta l-pożizzjoni ġiet irreġistrata: .....

10. Data (jj/xx/ssss) .....

11. Ħin

11.1. Tal-wasla abbord .....

11.2. Tat-tluq mill-bastiment .....

12. Irkaptu tas-sajd abbord

Purse seine ☐ Lenez għat-trejjix ☐

Bil-konz ☐ Qasab u xlief (Dgħajjes tas-sajd bil-lixka) ☐

Oħrajn (speċifika) ..... Għadd ta' gaġeġ .....

Gaġeġ tal-irmunkar Iva Le

13. Dikjarazzjoni tar-ritratti meħuda b'deskrizzjoni tas-suġġetti:

.....

.....

.....

.....

.....

14. Lista ta' dokumenti spezzjonati u kummenti:

14.1. Ġurnal ta' abbord:	Iva	Le	Ksur	Iva	Le
14.2. Dikjarazzjoni tal-qbid tat-tonn	Iva	Le	Ksur	Iva	Le
14.3. Trasferiment/trasbord Dikjarazzjoni	Iva	Le	Ksur	Iva	Le

14.4. Oħrajn (speċifika) .....

15. Riżultati tal-ispezzjoni tal-ħut abbord:

15.1. Speċijiet osservati abbord

SPEĊI				
QABDA TOTALI (kg)				
SORS TAL-INFORMAZZJONI				
TIP TA' PRODOTT				
KAMPJUN SPEZZJONAT				
% TAĦT ID-DAQS MINIMU				

15.2. Speċijiet iddikjarati fil-gaġġa/gaġeġ

Dokument ta' trasferiment Nru ..... Data tal-ewwel trasferiment .....

Razzett tad-Destinazzjoni .....

Isem tal-bastiment tal-qbid .....

Nru tal-ICCAT .....

Nru tal-gaġġa ..... Speċi ..... Għadd ta' ħut individwali ..... Piż .....

16. Ksur osservat ta' miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni tal-ICCAT (deskrizzjoni tal-ksur b'indikazzjoni tar-referenza legali, u jekk jinstab (jinstabu) infrazzjoni(jiet) serju/i, jekk jogħġbok imla l-folja mehmuża)

.....
.....
.....
.....
.....
.....

17. Kummenti tal-ispettur (jekk meħtieġ uża folja addizzjonali li tispeċifika: '*dokument mehmuż mar-rapport tal-ICCAT numru xxx*'):

.....
.....
.....
.....
.....
.....

18. Firma tal-ispettur ..... Firma tax-xhud .....

19. Isem l-osservatur, kummenti u firma

.....
.....
.....
.....
.....
.....

20. Isem il-kaptan, kummenti u firma

.....
.....
.....
.....
.....
.....

KSUR SERJU OSSERVAT

Isem il-bastiment: .....
Bandiera tal-bastiment: .....
Numru tal-ICCAT: .....

☐ sajd mingħajr liċenzja, permess jew awtorizzazzjoni maħruġ mill-PKK tal-bandiera,

☐ in-nuqqas ta' żamma ta' reġistri suffiċjenti ta' dejta dwar il-qbid u relatata mal-qbid skont ir-rekwiżiti ta' rappurtar tal-Kummissjoni jew rappurtar ħażin sinifikanti ta' dejta bħal din dwar il-qbid u/jew relatata mal-qbid;

☐ sajd f'żona magħluqa;

☐ sajd waqt staġun magħluq;

☐ it-teħid jew iż-żamma intenzjonali ta' speċijiet bi ksur ta' kwalunkwe miżura applikabbli ta' konservazzjoni u ġestjoni adottata mill-ICCAT;

☐ ksur sinifikanti tal-limiti tal-qbid jew tal-kwoti fis-seħħ skont l-ICCAT;

☐ l-użu ta' rkaptu pprojbit tas-sajd;

☐ il-falsifikazzjoni jew il-ħabi intenzjonali tal-marki, l-identità jew ir-reġistrazzjoni ta' bastiment tas-sajd;

☐ il-ħabi, it-tbagħbis jew it-twarrib ta' xhieda li jkollha x'taqsam ma' investigazzjoni ta' infrazzjoni;

☐ avvenimenti multipli ta' ksur li meħuda flimkien jikkostitwixxu nuqqas serju ta' osservanza tal-miżuri skont l-ICCAT;

☐ avvenimenti oħrajn simili ta' ksur kif jistgħu jiġu ddeterminati mill-ICCAT, ġaladarba dawn jiġu inklużi u ċċirkolati f'verżjoni riveduta ta' dawn il-proċeduri;

☐ attakk, reżistenza, intimidazzjoni, fastidju sesswali, interferenza ma', jew tfixil jew dewmien żejjed kontra spettur jew osservatur awtorizzat;

☐ tbagħbis jew diżattivazzjoni intenzjonali tas-sistema tal-monitoraġġ tal-bastiment;

☐ sajd bl-assistenza ta' ajruplani ta' lokalizzazzjoni;

☐ indħil fis-sistema tal-monitoraġġ bis-satellita u/jew operazzjonijiet mingħajr is-sistema VMS.

☐ l-attività tat-trasferiment mingħajr dikjarazzjoni tat-trasferiment;

☐ trasbord fuq il-baħar;

Firma tal-ispettur ..... Firma tax-xhud .....

Data .....

ANNESS III

KONTENUT TAL-PROGRAMMI NAZZJONALI TA' AZZJONI TA' KONTROLL KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLU 12

Il-programmi nazzjonali ta' azzjoni ta' kontroll għandhom jispeċifikaw dan li ġej:

1. **Mezzi ta' kontroll**

   (a) Il-mezzi umani

   L-għadd ta' uffiċjali bbażati fuq l-art u dawk li jbaħħru u l-perjodi u ż-żoni fejn dawn huma disponibbli biex jaħdmu.

   (b) Il-mezzi tekniċi

   L-għadd ta' bastimenti u inġenji tal-ajru tas-sorveljanza, u l-perjodi u ż-żoni fejn dawn huma disponibbli biex jaħdmu.

   (c) Il-mezzi finanzjarji

   L-allokazzjoni baġitarja għall-użu tar-riżorsi umani u tal-bastimenti u l-inġenji tal-ajru tar-ronda.

2. **Għażla tal-portijiet**

   Il-lista tal-portijiet u tal-ħinijiet magħżula meħtieġa skont ir-Rakkomandazzjoni 12-03 tal-ICCAT.

3. **Protokolli ta' spezzjoni**

   Protokolli dettaljati li jispjegaw il-metodoloġija għall-attivitajiet kollha ta' spezzjoni.

   L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-punti li ġejjin ikunu inklużi fil-Programmi ta' Azzjoni ta' Kontroll.

   1. *Il-qabdiet:*

      (a) Il-kwantità (l-istima tal-bijomassa) u l-għadd preċiż ta' kampjuni;

      (b) Il-verifika li l-kwantitajiet li nqabdu jirrispettaw l-allokazzjoni tal-kwoti;

      (c) Il-verifika tar-rekwiżiti tad-daqs minimu, b'tolleranza ta' % fin-numri.

   2. *It-trasferiment:*

      (a) L-awtorizzazzjoni minn qabel għal trasferimenti fil-gaġġa tal-irmunkar u l-gaġġa tal-irziezet;

      (b) Il-kwantità eżatta (f'piż) u l-għadd ta' ħut trasferit fil-gaġġa tal-irmunkar,

      (c) Il-mortalità waqt l-operazzjoni tal-irmunkar u d-destinazzjoni tal-ħut mejjet.

   3. *Ir-razzett:*

      (a) Il-konferma tal-leġittimità tal-qabda kif ukoll l-awtorizzazzjoni minn qabel mill-Istat Membru tal-bandiera,

      (b) Il-kwantità eżatta (f'piż) u l-għadd ta' ħut trasferit fil-gaġeġ tat-tismin,

      (c) L-użu ta' programmi ta' Kampjunar/ittikkettar sabiex issir stima taż-żieda fil-piż.

   4. *Il-ħsad u l-esportazzjoni:*

      (a) Il-kwantità eżatta (f'piż) u l-għadd ta' ħut li sar il-ħsad tiegħu;

      (b) Il-kopertura mill-Programm għal Osservatur Reġjonali tal-ICCAT;

      (c) Il-kwantità eżatta skont it-tip tal-prodott (li tindika b'mod ċar il-fatturi ta' konverżjoni).

4. **Linji gwida**

   Linji gwida ta' spjega għall-uffiċjali, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u s-sajjieda.

5. **Protokolli ta' komunikazzjoni**

   Protokolli ta' komunikazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti magħżula minn Stati Membri oħra bħala li huma responsabbli għall-programm ta' kontroll u spezzjoni speċifiku għat-tonn.

ANNESS IV

QAGĦDA TA' KULL XAHAR TAL-PROGRAMM NAZZJONALI TA' AZZJONI TA' KONTROLL TAT-TONN

TAQSIMA A

Għadd ta' spezzjonijiet relatati mal-Programm Nazzjonali ta' Azzjoni ta' Kontroll

Stat Membru: … Sena: … Xahar:	Fuq il-bastimenti u l-operaturi ta' Stat Membru						Fuq il-bastimenti u l-operaturi minn Stati Membri jew pajjiżi oħra					
Rappurtar minn:	L-għadd ta' spezzjonijiet u ksur fi ħdan il-JDP			L-għadd ta' spezzjonijiet u ksur barra l-JDP			L-għadd ta' spezzjonijiet u ksur fi ħdan il-JDP			L-għadd ta' spezzjonijiet u ksur barra l-JDP		
BASTIMENTI, RZIEZET U NASES LI HUMA AWTORIZZATI GĦAS-SAJD GĦAT-TONN	Fuq il-baħar	Fuq l-art	Ksur (*)	Fuq il-baħar	Fuq l-art	Ksur (*)	Fuq il-baħar	Fuq l-art	Ksur (*)	Fuq il-baħar	Fuq l-art	Ksur (*)
Bastimenti tas-sajd bil-purse seine												
Bastimenti tas-sajd bil-konz												
Bastimenti oħrajn bil-konz												
Dgħajjes bil-lixka												
Bastimenti tat-tkarkir												
Bastimenti tal-irmonk, ta' appoġġ, tal-ipproċessar												
Nases												
Rziezet												
BASTIMENTI MHUX AWTORIZZATI GĦAS-SAJD GĦAT-TONN U OPERATURI OĦRA												
Bastimenti tas-sajd (fir-reġistru tal-flotta tal-Komunità)												
Sajd sportiv u rikreattiv												
Bastimenti oħrajn												
Trakkijiet u spezzjonijiet tat-trasport												
Spezzjonijiet tal-ewwel bejgħ												
Spezzjonijiet tal-bejgħ bl-imnut												
Spezzjonijiet tar-ristoranti												
Spezzjoni oħrajn (iddeskrivi)												

OSSERVAZZJONIJIET

TAQSIMA B

Informazzjoni dettaljata tal-ksur (*)

ID	Data	Tip ta' kontroll	Żona	Nru tar-rapport tal-ispezz-joni	Bandiera	Nru tal-ICCAT(jew CFR jew immarkar estern)	Isem	Irkaptu jew tip	Deskrizz-joni	Referenza legali	Ksur serju?	Ammont ta' tonn relatat mal-ksur N KG		Azzjoni-jiet meħuda	Azzjoni li jmiss jew ġustifi-kazzjoni għan-nuqqas ta' teħid ta' azzjoni	Tul mistenni tal-inves-tigazzjoni	Dettalji tal-ġudizzju finali	Każ magħluq?	Kummenti
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)	(14)	(15)	(16)	(17)	(18)	(19)	(20)

(*) Ksur kontra l-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni u rilevanti għad-dispożizzjonijit tal-UE u tal-ICCAT relatati mat-tonn.

SPJEGAZZJONI (għat-Taqsima B)

NRU	QASAM	DESKRIZZJONI
1.	ID	Numru tal-ID uniku għal kull ksur
2.	Data	Data li fiha saret l-ispezzjoni
3.	Tip ta' kontroll	S-baħar P-port F-razzett T-nassa O-oħrajn
4.	Żona	Għal 'S' indika l-koordinati. Għal 'P, F, T jew O' indika ż-żona jew l-isem tal-port jew tal-muniċipalità.
5.	Nru tar-rapport tal-ispezzjoni	Numru tar-rapport tal-ispezzjoni tal-ICCAT (jew nazzjonali)

NRU	QASAM	DESKRIZZJONI
6.	Bandiera	Bandiera tal-bastiment/operatur spezzjonat
7.	Nru tal-ICCAT(jew CFR jew immarkar estern)	Numru tal-ICCAT jew numru tar-Reġistrazzjoni tal-Flotta tal-Unjoni jew jekk ma jeżisti l-ebda wieħed minnhom, l-immarkar estern tal-bastiment/operatur spezzjonat
8.	Isem	L-isem tal-bastiment/operatur spezzjonat
9.	Irkaptu jew tip	Rkaptu prinċipali użat mill-bastiment/operatur fil-mument tal-ispezzjoni jew 'razzett', 'nassa', 'l-ewwel xerrej', 'bejgħ bl-imnut, 'ristorant, 'trasport, 'sport/rik, 'oħrajn' (iddeskrivi)
10.	Deskrizzjoni	Deskrizzjoni tal-ksur
11.	Referenza legali	Indika r-referenza legali (il-leġiżlazzjoni tal-UE u/jew ir-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT)
12.	Ksur serju?	Indika jekk ksur serju Iva/Le
13.	Le	Ammont ta' tonn relatat mal-ksur
14.	KG	Ammont ta' tonn relatat mal-ksur
15.	Azzjonijiet meħuda	Deskrizzjoni tal-azzjonijiet kollha meħuda wara l-ispezzjoni jew "xejn" jekk ma ttieħdet l-ebda azzjoni
16.	Azzjoni li jmiss jew ġustifikazzjoni għan-nuqqas ta' teħid ta' azzjoni	L-azzjoni ppjanata li jmiss jekk hemm. Ġustifikazzjoni fil-każ li ma tkun ittieħdet ebda azzjoni
17.	Tul mistenni tal-investigazzjoni	Tul mistenni tal-investigazzjoni u/jew tal-proċess
18.	Dettalji tal-ġudizzju finali	Multa, penali, ħtif… (indika wkoll il-kwantitajiet)
19.	Każ magħluq?	Iva jekk il-każ jingħalaq, inkella Le
20.	Kummenti	Kummenti ġenerali"